MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 168/1999/1

**Maria Teresa sive Marthese Gatt**

**v.**

**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar**
**u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan**
**nominati b'digriet tal-1 ta' Marzu 1999**
**kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**lill-assenti Joseph John Gatt u li gew estromessi**
**mill-kawza wara li, b'digriet tas-16 ta' Settembru 1999,**
**l-istess Joseph John Gatt assuma personalment l-atti**
**tal-kawza.**

**Il-Qorti:**

## I IS-SENTENZA APPELLATA

**1.** Dan hu appell intavolat mill-konvenut Joseph John Gatt mis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, fil-25 ta' April 2007 li tirrigwarda kawza ta' separazzjoni personali tal-partijietli saret fuq talba tal-mara, Maria Teresa sive Marthese Gatt.

**2.** Ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, is-sentenza tal-ewwel Qorti sejra tigi riprodotta hawn kollha kemm hi:
"**Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Lulju 1977 Dok A u minn dan iz-zwieg l-kontendenti kellhom tifla ta' erbatax-il sena K;

"Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi mill-konvenut lejn l-attrici;

"Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Jannar 1998.

"Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-artikolu 48c tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

"2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn ma' zewgha;

"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghaliha u ghal bintha minuri;

“4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Taisse f’ idejn l-attrici;

“5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16);

“6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

“7. Tillikwida taqsam u tassenja l-assi parafernali lill-partijiet;

“8. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’ dan illi tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u occorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt in subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, peress li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici;

“Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonanti, li tinsab inserita fil-process a fols.35 u 36;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, li tinsab inserita fil-process a fol.31;

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

“Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea minnu debitament mahluf;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“**Separazzjoni Personali**

“Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet unikament imputabbli lilu fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap.16. Min-naha tieghu l-konvenut fil-kontro talba tieghu jsostni li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq l-attrici in bazi ghal artikoli 38 u 40 tal-Kap. precitat.

“Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta’ Lulju 1977 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa erba’ [4] snin. Minn dan iz-zwieg ghandhom tifla li twieldet fit-18 ta’ Ottubru 1983. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa wiehed u ghoxrin [21] sena, il-partijiet isseparaw de facto.

“Illi l-versjoni attrici hi fis-sens li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut gab ruhu b’mod possessiv fuq l-attrici partikolarment fejn jidhlu l-finanzi. L-attrici tghid li, ghalkemm huwa ghandu professjoni ta’ engineer[1] u jaqla’ paga tajba, huwa kien ihalliha nieqsa mill-flus, b’mod li gieli kellha ddur fuq il-genituri taghha, partikolarment fiz-zmien meta l-attrici kienet konvalexxenti mill-marda li kellha. Hi tghid li zewgha ma kienx jafdaha bil-flus u ghalhekk kien igieghelha tikteb l-infiq kollu li kienet tghamel mill-flus li kien jghatiha ghall-hajja. Hija kienet sottomessa hafna ghalih, u tiddeskrivi li, anke meta kienet marida huwa xorta wahda nsista li jkollu relazzjonijiet intimi maghha. “L-attrici u x-xhieda taghha jemfasizzaw fuq l-ossessjoni li ghandu l-konvenut ghall-flus, u li l-inkwiet matrimonjali kollu kien principalment jorigina mill-kwistjonijiet dwar l-infiq tal-flus min-naha tal-attrici, u l-fatt

[1] Jirrizulta li dan kien jahdem mas-socjeta’ SGS Thompson Microelectronics fil-grad ta technician

li l-flus li huwa kien jghatiha ghall-hajja gieli ma kienux iservuha.

“Illi min-naha tieghu l-konvenut jichad li huwa ghandu xi karattru aggressiv jew li kien possessiv fuq martu. Huwa u x-xhieda tieghu jghidu li l-konvenut huwa bniedem biezel hafna u jistinka hafna. Di fatti matul iz-zwieg il-partijiet akkwistaw zewg proprjetatjiet u xtraw zewg karrozzi, apparti milli rabbew tifla li kienet tmur go skola privata [St.Catherine’s School], apparti milli kienet tmur ghal-lezzjonijiet tal-ballet u taghmel attivitijiet ohra sportivi.

“Il-konvenut jghid li, meta huwa kien jahdem is-Saudi Arabia, martu kellha relazzjoni ma’ ragel Skocciz, u jattribwixxi t-tikisser taz-zwieg ghal din ir-relazzjoni, kif ukoll ghar-relazzjoni li l-attrici kellha fl-ahhar tas-sena 1998 ma’ persuna AB identifikat b’ismu mill-partijiet.

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li fost l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali hemm dik tal-konvivenza bejn il-konjugi bazata u diretta lejn il-benessere reciproku, li ghandha tipperdura tul il-hajja matrimonjali Iz-zwieg mhuwiex socjeta` kummercjali diretta unikament ghall-awment tal-gid materjali tal-koppja, u ghas-sodisfazzjoni tal-bzonnijiet materjali reciproci; izda hija unjoni bazata principalment fuq l-imhabba u s-sens ta’ komprensjoni li l-konjugi ghandhom ikollhom fil-konfront ta’ xulxin.

“Din l-osservazzjoni ghandha rilevanza qawwija f’ dan il-kaz, ghax mill-provi jirrizulta car li l-atteggjament tal-konvenut matul il-konvivenza matrimonjali ma’ l-attrici kienet karatterizzata b’impenn qawwi, u anke esegerat, da parti tieghu li jkollu kontroll shih fuq l-infiq tal-flus proprjeta` tal-komunjoni, anke dawk li kienet tippercepixxi l-attrici mix-xoghol li kienet taghamel. Jirizulta li l-konvenut, li ghandu l-professjoni ta’ inginier jew technician, huwa bniedem metikoluz u senjatament fejn jidhlu l-flus kien ossessjonat bihom.

"Mill-provi jirrizulta li huwa kien igieghel lill-attrici tirregistra kull sold li kienet tonqfoq mill-flus li kien jghatiha, liema ammont bil-kemm kien iserviha, filwaqt li kien jikkostringiha tghatih parti sostanzjali mill-introitu mensili li kienet tircevi mix-xoghol taghha. Fix-xhieda taghha tat-22 ta' Jannar 2001[2] hija tghid li mill-introitu mensili taghha ta' Lm230 'kien bil-fors irrid inpoggilu LM200 fuq il-komodina u kien ihallili flus bil-kemm nghaddi. Jiena qatt ma rajt flus f' idejja.  Dejjem il-kontijiet kollha hallas hu.  Jiena qatt ma naf x'kien ihallas lill-Bank.'  Hi tghid ukoll li 'kien jistennini s-Sibt wara nofs in-nhar biex naghtih kull ircevuta li jiena ridt nonfoq biex jaghmel bilanc u jekk jibqghali xi Lm1 zejda minn din il-gimgha, kien jghidli 'ara meta ghandek biex nixtru xi flixkun inbid il-gimgha d-diehla bil-brought forward ghall-gimgha d-diehla.'

"Il-premess jndika li l-konvenut ma kienx jafda lill-attrici, partikolarment bl-immaniggjar tal-flus, kif ukoll il-kontroll tieghu fuq l-istess attrici fejn jidhlu l-flus li sahansitra kien igieghlha taghtih parti sostanzjali mill-paga mensili taghha, filwaqt li lilha jghatiha somma ta' flus kull gimgha li skond hu huma sufficjenti ghal ghejxien tal-familja. Ftit jidher li kien jghati kaz ghas-sentimenti ta' martu meta bl-atteggjament tieghu kien igieghela tkun sottomessa ghal dak li jghid hu; u f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tifhem ghaliex l-attrici ma tikkonvivi aktar mal-konvenut tant li f'April 1996 hija kienet ghamlet talba precedenti ghas-separazzjoni, izda hi tghid li kienet waqqfet il-proceduri minhabba t-tifla taghhom.

"Is-sens ta' egoizmu da parti tal-konvenut jimmanifesta ruhhu ukoll meta lejn it-tmien tal-konvivenza matrimonjali, huwa waqaf jahdem bl-iskop li ma jkompli jaghti manteniment lil martu u lil bintu. In propositu l-Qorti ma tikkunsidrax bhala veritiera t-tesi tal-konvenut li huwa ma setax isisb xoghol.  Il-konvenut huwa bniedem ta' professjoni fix-xjenza u zgur ghandu potenzjal ta' introitu felici fid-dinja tallum, multo magis meta kif, xehedu x-xhieda tieghu stess, huwa bniedem biezel.

[2] Dep. mghotija fl-atti tar-rikors prezentat mill-attrici fil-15 ta' Gunju 1999 – fol.74 u 75

“Illi l-Qorti thoss li l-komportament tal-konvenut fil-konfront tal-attrici kien abusiv fis-sens li dina matul il-konvivenza matrimonjali kienet kontinwament sottomessa ghalih u kienet tissubixxi umiljazzjoni  u trattament hazin fuq bazi kostanti u abitwali li ghandu “carattere di gravita’ che stabiliscono un sistema costante di vessazione e ……. di umiliazione che rendono almeno insopportabile l’abitazione e la vita comune.” [Vol.VIII.877].  Il-gravita` tal-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ martu tassumi dimensjoni akbar tenut kont tal-marda li laqtet lill-attrici wara t-tqala.

Illi minn naha taghha l-attrici ma kienitx bla tebgha.  Mill-provi jirrizulta li matul z-zwieg hija baqghet izzomm kuntatt u hbiberja ma’ ragel Skocciz identifikat mill-partijiet, u b’mod aktar ampja jirrizulta li ghal habta ta’ Novembru 1998 hija dahlet f’relazzjoni ta’ hiberija stretta ma’ ragel AB identifikat b’ismu mill-partijiet. In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm mill-provi ma jirrizultawx elementi ta’ provi gravi, precizi u konkludenti li jwasslu necessarjament ghall-integrazzjoni tal-prova tal-adulterju, izda t-tip ta’ relazzjoni li l-attrici kellha ma’ AB, certament tikkostitwixxi ngurja gravi fil-konfront ta’ zewgha l-konvenut, *multo magis*, kunsidrat il-fatt li l-attrici kienet tiffrekwenta lil AB kuljum, kellha c-cavetta tad-dar tieghu, u inoltre kienet tkun fil-kumpanija tieghu f’ night clubs Paceville.  Din it-tip ta’ hiberija ghandha karattru ngurjuz u zgur li kkontribwiet ukoll b’mod sostanzjali ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li llum il-gurnata z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b’mod li l-partijiet mhumiex ragjonevolment mistennja li jikkonvivu; ghal dan jahtu z-zewg partijiet: fl-ewwel lok il-konvenut li huwa hati ta’ sevizzi fil-konfront ta’ martu; u fit-tieni lok, l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ offizi gravi fil-konfront ta’ zewgha.

“**Manteniment**

“In propositu, il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandha tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-

dispost tal-artikolu 48[1][d] b'applikazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kap.16.

"**Komunjoni tal-akkwisti**

"Illi in propositu l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazjzonijiet u konkluzjonijiet maghmula mill-perit legali u kontenuti fil-paragrafi[3] 154 sa 162 u taddattahom u tordna li l-assenjazzjoni ssir kif hemm indikat, salv ghal dak li ser jinghad hawn taht:

"[1] Illi rigward id-dar konjugali bl-isem 'The Hillock' Anthony Valletta Street, Birkirkara, flimkien mal-plot li fuqha hemm il-garage u l-arja sovrastanti, il-Qorti tordna li dawn jinbieghu bis-subbasta fiz-zmien sena millum, jekk il-partijiet ma jifthemux li jinbieghu fuq is-suq liberu, u tordna li fi zmien sena millum, fil-25 ta' April 2008 il-konvenut jzgombra mill-imsemmi post;

"[2] Illi mir-rikavat tal-beigh, ghandha tigi konsenjata lill-attrici : s-somma ta' elfejn lira maltin [Lm2,000] biex taghmel tajjeb ghal kera u spejjez ohra li kellha thallas sabiex issib residenza alternattiva, sa' April 2008; is-somma ta' elf lira maltin [Lm1,000] kumpens[4] tal-ispejjez li hallset ghal manteniment tat-tifla komuni, meta l-konvenut ghazel li ma jibqghax jahdem;

"[3] Illi wara li jitnaqqsu z-zewg ammonti fuq indikati, il-bilanc tar-rikavat ghandu jinqasam f'zewg porzjonijiet ugwali, sabiex jigu assenjati lill-partijiet;

"[4] Illi rigward il-mobbli elenkati fil-paragrafu [d] tar-relazzjoni tal-perit legali [ pagni 22 u 23 a fols.947 u 949], inkluza l-ghamara li ghandha valur ta' Lm7,000, il-Qorti tordna li, jekk il-partijiet ma jifthemux bejniethom, din tinbiegh bis-subbasta fi zmien sena millum;

---

[3] Fol.978 u 980 - pgi.53 u 55 tar-relazzjoni

[4] Ara in propositu dokumenti prezentati mill-konvenut, kif ukoll dawk prezentati mill-attrici fix-xhieda taghha fl-atti tar-rikors prezentat fil-15 ta' gunju 1999, a fols.81 sa 87. Jigi osservat li hemm dizgwid ukoll dwar dawn l-ispejjez u ghalhekk il-Qorti arbtirio boni viri wara li rat l-prospetti prezentati qed tiffissa l-ammont ta' Lm1,000 bhala kumpens dovut lill-attrici ghall-ispejjes maghmula minnha ghall-bzonnijet [ulterjuri] tal-minuri tul is-snin 1998 sa 2001.

"[5] Illi dwar il-vetturi, il-Qorti tordna li l-vettura Ranault Campus tigi assenjata lill-konvenut filwaqt li l-vettura Subaru JT tigi asenjata lill-attrici – u dan minghajr obbligu ta' ekwiparazzjoni, stante li mill-provi ma jirrizultax l-valur rispettiv taghhom.

"Jigi osservat li l-Qorti, kemm tenut kont tal-htija taz-zewg partijiet kif ukoll tal-fatt li hemm dizgwid bejn il-partijiet dwar l-ammont tal-flejjes percepiti mill-partijiet, l-ammont ta' flejjes mehuda minnhom, kif ukoll l-ammont ta' pagamenti allegatament maghmua, il-Qorti tikkunsidera gusta u ekwa l-assenjazzjoni fuq indikata bazata fuq il-konkluzjonijiet tal-perit legali.

"Inoltre, rigward id-djun maghmula mill-konvenut waqt il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tirribadixxi li mhijiex konvinta mill-veracita' tal-allegazzjoni tal-konvenut li dan ma sabx xoghol addattat ghalih, u mhuwiex gust li huwa jithalla jghabbi l-komunjoni b' dejn inutili u minghajr konsultazzjoni mal-parti l-ohra. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkonferma l-konkluzjoni tal-perit legali kontenuta fil-paragrafu 158 li id-djun, li kull wiehed jew wahda mill-partijiet ghamlet tul il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, dan ghandu jibqa' a kariku ta' min ghamlu.

"**Proprjeta` Parafernali**

"Illi l-oggetti indikati taht il-partita [g] fil-pagna 25 tar-relazzjoni tal-perit legali [fol.950] dawn ghandhom jigu ritornati lill-attrici; filwaqt il-vetrina indikata taht il-partita [c] fil-pagna 22 [fol.947] din ghandha tinghata lill-konvenut.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talbiet attrici billi:

"[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet; u dan b' effett mit-30 ta' Novembru 1998;

"[2] tilqa' t-tieni talba;

“[3] tichad it-tielet talba tal-attrici in kwantu ghall-manteniment ghaliha, u tastjeni milli tiddeciedi dwar il-kumplament stante li t-tifla taghhom illum hija maggjorenni;

“[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba ghall-istess raguni;

“[5] tilqa’ il-hames talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-artikolu 48[1][d] tal-Kap.16;

“[6] tilqa’ is-sitt talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b’effett mill-imsemmija data;

“[7] tilqa’ is-seba’ talba u tordna li ssir il-konsenja tal-oggetti kif indikat taht l-intestatura “Proprjeta` Parafernali”;

“[8] tilqa’ t-tmien talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq indikat taht l-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti”;

“[9] tilqa’ t-talba tal-attrici maghmula permezz ta’ rikors prezentat fit-13 ta’ April 2007, u tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe` ‘Vigar’.

“L-ispejjez jinqasmu wgwalment bejn il-partijiet.

“Ili tiddecidi dwar <u>il-kontro-talba</u> billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet; u dan b’effett mit-30 ta’ Novembru 1998;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba;

“[3] tilqa’ t-tielet talba, u tapplika fil-konfront tal-attrici id-dispost tal-artikolu 48[1][d] tal-Kap.16;

“[4] tilqa’ ir-raba’ talba limitatament kif deciz fit-talba numru tlieta;

"[5] tilqa' il-hames talba fis-sens fuq deciz;

"[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens fuq deciz;

"L-ispejjez jinqasmu wgwalment bejn il-partijiet.

"In fine l-Qorti tordna li a kura tar-Registratur kopja tal-pagni numri 22 sa 26, u tal-pagni numri 53 sa 55 tar-relazzjoni tal-perit legali [fols. 947 sa 951, u fols. 978 sa 980] tigi annessa mal-gudizzju odjern biex tifforma parti ntegrali mill-istess. "

**<u>II L-APPELL</u>**

**3.** Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u fil-11 ta' Mejju 2007 ipprezenta rikors ta' appell quddiem din il-Qorti. L-aggravji principali li ressaq il-konvenut jikkonsistu fil-fatt illi l-ewwel Qorti (1) ma sabitx lill-attrici hatja ta' adulterju izda hatja biss ta' offiza gravi fil-konfront ta' zewgha u (2) sabet lill-konvenut hati ta' sevizzi fil-konfront ta' martu l-attrici. Huwa indika wkoll xi aggravji ta' natura sekondarja (li sejrin jissemmew aktar 'il quddiem) u wara li spjega kollox dettaljatament talab testwalment hekk:

"… … … illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-appell tieghu u tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija moghtija fil-25 ta' April 2007 mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja billi tirritjeni li l-attrici kienet hatja ta' adulterju mentri l-esponent ma kienx hati ta' sevizji u ghalhekk tichad it-talbiet kollha kontenuti fic-citazzjoni tal-attrici (hlief fejn l-ewwel Qorti astjeniet ghax it-tifla komuni saret maggorenni fil-mori tal-kawza) u tilqa' l-ewwel talba tal-esponent kontenuta fil-kontrotalba tieghu u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici u tilqa' wkoll it-talbiet l-ohra kontenuti fil-kontrotalba tal-esponent (hlief fejnn l-ewwel Qorti astjeniet rigward it-tieni talba tieghu ghall-istess raguni, u subordinatament u bla pregudizzju, fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti tirritjeni li l-attrici kienet hatja ta' adulterju u l-esponent kien hati ta' sevizji u anke fil-kaz li tirritjeni li l-attrici kienet hatja ta' ingurji gravi u l-esponent kien hati ta' sevizji (stante il-gravita` ta' dak li ghamlet l-attrici meta paragonata ma' dak li seta' ghamel l-esponent) tichad it-

talbiet fic-citazzjoni tal-attrici u tilqa' l-ewwel talba tal-esponent kontenuti fil-kontrotalba tieghu u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici kif ukoll tilqa' t-talbiet l-ohra kontenuti fil-kontro talba tal-esponent fuq inghad.

"L-esponent jitlob ukoll li fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tapplikax id-dispost tal-Art 48(1)(c) tal-Kodici Civili kontra l-attrici, il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet dwar il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti maghmula mill-perit legali u adottati mill-ewwel Onorabbli Qorti jigu modifikati fid-dawl tal-provi u tas-sottomissjonijiet maghmula mill-esponent fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fuq imsemmija u anke fil-prezenti rikors ta' appell u l-assenjazzjonijiet isiru fid-dawl ta' dawn il-modifiki.

"L-esponent jitlob wkoll li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi kwantu ghall-oggetti mobili liema huma tal-komunjoni tal-akkwisti u liema huma tal-assi parafernali tal-esponent u taqsamhom u tassenjahom lill-kontendenti skond dawn ir-rizultanzi, - haga li naqset li taghmel l-ewwel Onorabbli Qorti kif suggerit mill-perit legali billi l-partijiet ma waslux ghal ftehim dwarhom.

"Fl-ahhar nett l-esponent jitlob ukoll bir-rispett li tigi revokata dik il-parti tas-sentenza li ornat li l-proprjeta` immobiljari tal-partijiet, jekk dawn ma jiftehmux, tigi mibjugha bis-subbasta fi zmien sena u li fi zmien sena mis-sentenza i.e. 25 ta' April 2008 l-esponent jizgombra mill-istess proprjeta` billi, apparti li l-istess partii tas-sentenza tikkrea "hardship kbir" ghall-esponent (li kien hu meta l-proprjeta` kienet ghadha "shell" ghamel personalment minn kollox biex jaghmilha abitabbli), ghax m'ghandux post iehor fejn joqghod, l-imsemmija proprjeta`, kif kien gie sottomess mill-esponent lill-ewwel Onorabbli Qorti, hija facilment divizibbli, u ghalhekk fil-kaz li jigi deciz li l-attrici ma titlifx sehemha mill-istess proprjeta` immobiljari skond l-Art. 48(1)(c) Kodici Civili fuq citat, l-esponent jitlob li din il-proprjeta` immobiljari tigi maqsuma bejn il-partijiet skond ma jirrizulta okkorrendo minn perit nominat mill-Qorti u l-parti fejn illum joqghod l-

esponenti tigi assenjata lilu u l-parti l-ohra tigi assenjata lill-attrici.

"L-esponent ukoll jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-ispejjez tal-ewwel istanza, kif ukoll dawk ta' din l-istanza sija rigward ic-citazzjoni tal-attrici kif ukoll rigward il-kontrotalba tal-esponent, jigu mhallsa mill-attrici."

**4.** Fil-15 ta' Gunju 2007 l-attrici appellata pprezentat ir-risposta tal-appell taghha fejn issottomettiet li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma. Hija spjegat fid-dettal ghaliex fil-fehma taghha, l-appell imressaq minn zewgha ghandu jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha. Inoltre, talbet li l-ispejjez tat-tieni istanza jithallsu mill-appellant.

## <u>III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>

**5.** Dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita` ghat-tkissir taz-zwieg, l-ewwel Qorti rriteniet illi l-konvenut appellant, fit-tul tal-konvivenza tieghu ma' l-attrici martu, kien irid ikollu kontroll shih fuq il-finanzi tal-familja u li kien jipprevali fih sens ta' egoizmu tant li waqaf jahdem bl-iskop li jwaqqaf il-manteniment lil martu. L-ewwel Qorti rriteniet ukoll illi l-konvenut appellant kien abbuziv fil-konfront ta' martu li kienet kontinwament sottomessa ghalih u tissubixxi umiljazzjoni minnu. Rigward l-attrici appellata, l-ewwel Qorti rriteniet illi din, matul iz-zwieg, kellha hbiberija ma' ragel Skocciz u li ghal habta ta' Novembru 1998 dahlet f'relazzjoni ta' hbiberija stretta ma' ragel AB. Il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, iddecidiet li ghal dawn ir-ragunijiet z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li kienu jahtu z-zewg partijiet: l-appellant kien hati ta' sevizzi fil-konfront ta' martu mentri martu rrendiet ruhha hatja ta' offizi gravi fil-konfront tieghu.

**6.** Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant jallega li l-provi migbura waqt il-kawza[5] jindikaw b'mod car illi martu

[5] Tajjeb li jinghad li dawn il-provi, in kwantu jirreferu ghat-tlett volumi tal-process, ilahhqu ghal 1,029 pagna. Apparti dan, hemm diversi dokumenti ohra, li ma setghux jigu inseriti fl-imsemmija tlett volumi. B'kollox l-atti ta' din il-kawza, meta mqeghda fuq xulxin, fihom gholi ta' tmien pulzieri u nofs!

kienet hatja ta' adulterju u mhux biss ta' offizi gravi kif irriteniet l-ewwel Qorti. L-appellant jaghmel referenza ghall-paragrafu 142 tar-relazzjoni tal-perit legali li qal “mill-provi kif migbura jidher bic-car illi l-attrici hija hatja ta' adulterju”. L-appellant isostni li l-provi juru li l-attrici kienet taghti kunfidenzi zejda lil certu Skocciz, identifikat mill-partijiet, kif ukoll li kellha involviment ma' zewg persuni ohra, u li hija kkommettiet adulterju ma' certu AB, li wkoll gie identifikat b'ismu mill-partijiet. L-appellant jaccenna ghall-fatt li l-attrici u dan AB kienu jkunu flimkien fin-night clubs u li kemm l-attrici kif ukoll dan AB kienu jaraw lil xulxin kuljum. Jissottometti li ma ngiebet l-ebda prova biex turi r-raguni ghaliex l-appellata kellha f'idejha c-cavetta tad-dar ta' din il-persuna. L-appellant isostni li meta mara jkollha f'idejha c-cavetta tad-dar ta' ragel u kuljum tkun habiba b'certa initimita` fil-pubbliku mieghu, wiehed ma jistax ma jikkonkludix, kif ikkkonnkluda l-perit legali, li l-appellata u AB kellhom relazzjonijiet intimi f'dik id-dar u ghalhekk l-appellata kkommettiet adulterju.

**7.** L-appellata tichad li saret il-prova li hija kkommettiet adulterju. Tghid ukoll illi, subordinatament, jekk din il-Qorti tiddeciedi li tvarja l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti, li l-osservazzjonijiet tal-konvenut dwar id-dekadenza fil-kaz ta' adulterju ghandhom jigu kunsidrati taht l-artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili. L-appellata tghid li konsegwentement l-appellant kellu jipprova li l-appellata kkommettiet adulterju qabel it-30 ta' Novembru 1998, li hija d-data stabbilita mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, minn meta s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet ghandha tapplika.

**8.** Issa, l-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala “l-kawzali l-aktar gravi li ghalih il-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali” (Vol. XXXVII Pt II p. 693). Huwa difficli li l-adulterju jigi ppruvat b'xhieda okulari. In vista ta' din id-diffikulta`, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u cirkostanzi ohra li jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubju fil-mohh tal-gudikant illi fil-fatt l-adulterju jkun sehh. Huwa ormai pacifiku fid-duttrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun ippruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, li, pero`, ghandhom ikunu gravi, precizi u

konkordanti. Cirkostanzi illi semplicement jirriflettu hbiberija mas-sess oppost ma jwaslsux ghall-prova ta' adulterju. Dan ghaliex dawn ic-cirkostanzi ma jikkonvincux lill-gudikant li dik il-hbiberija dahlet daqshekk il-gewwa u saret tant intima li necessarjament wiehed ragonevolment jippresupponi li sehh kongungiment karnali, li huwa l-element necessarju ghall-adulterju.

**9.** Mill-provi li gew prodotti, jirrizulta li l-appellata mill-bidu taz-zwieg taghha mal-appellant, kellha xi forma ta' hbiberija ma' nies tas-sess oppost. Dan jirrizulta mid-djarji taghha, partikolarment dawk illi kitbet fis-sena 1979 u 1983. Jidher illi l-appellata kellha hbiberija ma' certu Skocciz u ismu jiffigura diversi drabi f'dawn l-istess djarji. Jidher ukoll illi fiz-zmien illi certu Keith u certu Vic telqu minn Malta, l-appellata irrimarkat fid-djarju taghha d-dwejjaq li kellha u li xtaqet titlaq minn Malta waheda ghal dejjem. Jirrizulta wkoll illi l-appellant kiteb ittra lil l-Iskocciz fuq imsemmi fl-14 ta' Lulju 1998 fejn staqsih dwar l-ittri sigrieti illi martu kienet tiktiblu. F'din l-ittra huwa jitlob spjegazzjoni rigward dak li kienet tiktiblu martu. Huwa kiteb hekk:

"What I cannot really understant is, for example:

"In one of my wife's secret letters to you:-

- This is a quick note. I'm sure you are used to my quick notes.
- At last you have what I promised (!!!)
- I will always love you whatever happens. My love remember that. (!!!)
- YOURS …………. Marty (and not Marthese!!!)"

B'referenza ghall-btala illi martu ghamlet gewwa r-Renju Unit huwa kiteb hekk:
"I am sure you must have treated Marty very well during her 1992/93 holidays in U.K."

**10.** L-appellant jallega illi fil-process gew prodotti provi bizzejjed sabiex l-appellata tinsab hatja ta' adulterju u mhux biss ta' offizi gravi, kif iddecidiet l-ewwel Qorti. Nonostante li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax l-

apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, madanakollu din il-Qorti wara li rriflettiet hafna u fit-tul fuq il-kaz, tmil biex tikkondividi din it-tezi tal-appellant u cioe` <u>li saret il-prova li l-appellata kkommettiet adulterju</u>.

**11.** Jidher illi l-appellata kellha relazzjoni intima ma' certu AB ghal erba' snin. Fix-xhieda tieghu fis-seduta mizmuma fit-8 ta' April 2003 (a fol. 730 et seq.) AB jghid illi ilu jaf lill-appellata mill-1998 u li kienu ltaqghu f'disco f'Tas-Sliema. Huwa jghid:
".. ahna ghandna hbiberija qawwija u nghid li kienet tiftah hafna qalbha mieghi tant illi meta hija kellha diffikultajiet kbar mas-Sur Gatt anzi waslet biex halliet xi affarijiet personali taghha fid-dar tieghi"

Huwa jkompli jixhed:
"Konna niltaqghu ahna kuljum……Nghid illi min-1998 sa December 2002 nghid li kwazi konna niltaqghu kuljum jiena u Maria Theres Gatt, b'xi mod jew iehor.

**12.** AB jghid ukoll illi l-appellata qatt ma raqdet jew qattghet il-lejl ghandu. Jghid ukoll li hija kellha c-cavetta tad-dar tieghu:
"Nghid illi Maria Theres Gatt giet id-dar tieghi. Nghid illi kienet tigi kull hin, filghaxija generalment. Gieli kienet tigi mal-hbieb, gieli kienet tigi wahedha".

**13.** Waqt din is-seduta AB gie muri zewg ritratti u hu xehed hekk dwarhom:
"Qed nigi muri r-ritratti FT 157 u f'158 hemm id-dar tieghi on the right hand side u fil-fatt hdejha hemm il-karozza tieghi f'158. Issa nghid illi fir-ritratt 157 jidher il-vettura ta' Marthese Gatt. Qed jinghad lili li dawn ir-ritratti ttiehdu fis-2.30 am u qed nerga' nigi mistoqsi jekk Marthese Gatt qatt raqdet hemm u nerga nghid li le. Il-hin jidher fuq ir-ritratt. Nghid illi lanqas ma kienet taghmel sas-2.30am id-dar ghandi" (fol. 736 tal-process).

"Nghid li qed jigi mmarkat lili li dawn ir-ritratti ttiehdu fis-7.30 am hemm il-vettura ta' Marthese Gatt fil-vicinanzi tad-dar tieghi u tidher Maria Theresa Gatt hierga mid-dar tieghi, hdejn id-dar tieghi fis-7.30 am. Mistoqsi jekk

ghaddietx il-lejl hemm hekk u nghid illi m'ghaddietx hemm hekk, nghid illi kienet tigi wkoll filghodu ggib xi affarijiet u forsi hekk gara f'din l-okkazjoni. Mistoqsi kif hemm il-vettura taghha fil-vicinanzi tad-dar tieghi u qaghdet hemm il-hin kollu u hi tidher fis-7.30 am hdejn id-dar tieghi, mistoqsi biex nispjega dan, nghid illi staqsu lilha." (fol. 737).

**14.** AB jixhed ukoll illi hu kien ltaqa' u mar ghand il-genituri tal-appellata u hija kienet ukoll ltaqghet mal-genituri tieghu. (ara fol. 735 u 736 tal-process).

**15.** AB jixhed illi kemm-il darba meta kien ikun ma' l-appellata kien isib lil appellant ma' wiccu jiehu ritratti tieghu u tal-appellata flimkien. Jghid "…kien ikun barra jigbed ir-ritratti, darba hdejn it-Tigulio filghaxija tard bil-lejl u dana dejjem fil-prezenza ta' Maria Therese Gatt".

**16.** Fix-xhieda taghha waqt is-seduta mizmuma fil-5 ta' Mejju 2003 (fol. 740 et seq. tal-process) hija xehdet illi kien hemm drabi fejn hi ma kienetx torqod fid-dar konjugali izda kienet torqod ghand il-familja jew hbieb. Rigward jekk qatt raqditx ghand AB hija tghid hekk:
"..nghid illi le qatt ma rqadt hemm. Rigward ir-ritratti li gew murija lil [AB] fis-seduta precedenti qed nigi mitluba nikkummenta fuq dawn ir-ritratti nghid illi iva kont inhalli l-karozza tieghi wara l-bieb tieghu l-lejl kollu. Nghid li dan jista' jkun peress li forsi kont hrigt mal-hbieb u kont hallejtha hemm".

"Qed nigi mistoqsija biex nikkummenta rigward il-fatt li ttiehdu ritratti meta jiena kont gejt nidher hierga kmieni filghodu mid-dar tieghu nghid illi forsi kont immur niehu xi haga mill-affarijiet personali tieghi li kien ikun hemm ghandu.

"Qed nigi mistoqsija x'inhi r-relazzjoni tieghi mas-Sur [AB] nghid illi kienet wahda ta' hbiberija sew peress li kien gheni hafna f'hajti pero` kienet waqfet hemm. Nghid illi domna xi kwazi erba' snin hbieb sew ghandi hbieb ohrajn ukoll. Din il-hbiberija bdiet minghalija xi October

minghalija din il-hbiberija kienet bdiet xi erba' snin u nofs ilu. Nghid illi ghadna hbieb sal-gurnata tal-lum imma mhux hbieb daqs kemm konna nkunu." (fol. 747).

**17.** Rigward jekk l-appellata kienitx tara lil AB kuljum hija tghid illi ma kienitx tarah kuljum imma hafna drabi. Hija tghid ukoll illi kienet tmur id-dar tieghu u kellha xi hwejjeg tat-tibdil id-dar tieghu ukoll.

**18.** Inoltre jidher illi dak illi l-appellant jallega li AB qallu, u cioe` illi l-appellata ma kienitx il-mara tieghu, AB jammetti illi dan qalu:
"Dr. Farrugia qed tistaqsini ghaliex jiena kont ghidt lil Joseph John Gatt biex jikkommetti suwicidju u li Marthese Gatt mhijiex il-mara tieghu u nghid illi dawn nammetti li ghidthomlu, kien f'mument ta' rabja, din il-mistoqsija kienet saritlu wkoll dak in-nhar tal-kawza." (fol. 738).

**19.** Mill-kumpless tal-provi, inkluza x-xiehda fuq kwotata, din il-Qorti jidhrilha li jirrizulta assodat illi bejn l-appellata u AB kien hemm relazzjoni tassew intima tant li l-appellata kienet tqatta' hin konsiderevoli ma' din il-persuna kemm matul il-gurnata u anki matul il-lejl. Din il-Qorti ma tistax taccetta l-ispjegazzjoni tal-appellata fix-xhieda moghtija minnha illi l-karozza taghha kienet thalliha wara l-bieb ta' AB ghaliex kienet tohrog ma' shabha. Ma tarax li din hija verzjoni verosimili, u c-cirkostanzi jindikaw inekwivokabbilment illi hija fil-fatt kienet tkun ta' sikwit fid-dar ta' AB u gieli kienet tqatta' l-lejl hemmhekk. Fl-isfond tal-operat abbuziv tal-appellant fil-konfront tal-appellata (li sejjer jissema' dettaljatament aktar 'il quddiem f'din is-sentenza), dan il-fatt li l-appellata kienet tqatta' tant zmien fid-dar ta' AB, fil-fehma ta' din il-Qorti u fuq bilanc ta' probabbiltajiet, jikkostitwixxi indizju gravi u preciz bizzejjed li jindika li l-appellata kellha verament relazzjoni intima mal-imsemmi AB. Taht dan l-aspett, allura, l-appellant irnexxielu jikkonvinci lil din il-Qorti li l-appellata hija hatja ta' adulterju u mhux biss ta' offizi gravi kif kienet irriteniet l-ewwel Qorti.

**20.** L-ossessjoni tal-appellant illi jaqbad lil martu *in flagrante* hija riflessa fl-ammont kbir ta' dokumenti

dettaljati b'ceru metikolosita` li kien izomm rigward il-movimenti taghha. Jidher ukoll illi kien isegwihom meta dawn kienu johorgu, u dwar dan saru diversi rapporti lill-pulizija.

**21.** L-appellant, fit-tieni aggravju tieghu, jilmenta li l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta sabitu hati ta' sevizzi kontra martu. L-appellant jghid illi minn ezami tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni minhabba l-fatt li huwa ried li jkollu kontroll shih fuq il-flus li jidhlu ghall-familja. L-appellant isostni li mill-provi jirrizulta li l-appellata kienet tiehu hsieb l-ispejjez ta' kuljum tal-familja mentri li hu kien jiehu hsieb il-hlas tal-kontijiet tal-ilma u d-dawl, tat-telefon, tal-iskola tat-tifla, tal-lezzjonijiet privati, tal-kotba tal-iskola, tac-cens u kontijiet ohra bhal dawn. L-appellant isostni illi jekk kien hemm certu element ta' kontroll min-naha tieghu, dan kien jaghmlu fl-interess tal-familja u kien accettat mill-appellata. L-appellant argumenta li bis-sahha t'hekk, il-familja setghet tghix tajjeb, takkwista u tibni proprjeta` immobiljari, takkwista zewg karozzi u teduka t-tifla fi skola privata u thallas ghal-lezzjonijiet privati mhux biss tal-iskola imma anke taz-zfin. L-appellant spjega li l-kelma 'sevizji' tfisser 'mohqrija' u sevizji kellhom jikkonsistu f'atti ta' krudelta`. L-appellant isostni li dak li huwa ghamel, sa certu zmien bl-akkwijixxenza tal-attrici, ma jistax jammonta ghall-mohqrija u krudelta`, imma kien fid-dover tieghu li jaghmlu bhala missier tajjeb tal-familja.

**22.** L-appellant ilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi huwa kien waqaf jahdem bl-iskop li ma jkomplix jaghti manteniment lil martu u lil bintu. L-appellant irrifera ghan-numru kbir ta' applikazzjonijiet ghax-xoghol li kien ghamel wara li tilef l-impieg tieghu, u li kollha kienu bla rizultat. L-appellant jattribwixxi din is-sitwazzjoni ghan-nuqqas ta' opportunita` ta' xoghol fil-pajjiz u ghall-fatt illi huwa kellu eta` avanzata, u ghalhekk kien izjed difficli ghalih biex jottjeni impjieg. Hu jsostni li d-decizjoni tal-ewwel Qorti ma tistax tigi accettata u ma jistax jinghad illi huwa kellu sens ta' egoizmu.

**23.** L-appellant isostni wkoll illi mhix accettabbli l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi huwa kien abuziv fil-konfront ta' martu, fis-sens li matul il-konvivenza matrimonjali hija kienet kontinwament sottomessa ghalih u kienet tissubixxi umiljazzjoni u trattament hazin fuq bazi kostanti u abitwali. Huwa jaghmel referenza ghad-depozizzjoni tieghu kif ukoll ghal *tape recording* li huwa kien ircieva minghand martu meta kien impjegat barra minn Malta, u li fih l-appellata kienet baghtet tghidlu li kienet 'missing his presence', u li meta jirritorna taghmel tajjeb ghaz-zmien li kienu tilfu. Huwa rrefera wkoll ghal provi ohra, fosthom ittri ta' mhabba mibghuta lilu mill-appellata meta kien jahdem il-Libja. L-appellant isostni illi l-allegazzjoni ta' martu li huwa kien ikun aggressiv maghha hija inaccettabbli ghaliex kieku ma kienetx tiktiblu ittri ta' mhabba meta kien jahdem barra.

**24.** L-appellata, fir-risposta taghha, tissottometti illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li l-appellant kien ikkommetta sevizji fil-konfront taghha. Hija tissottometti illi s-sevizji li l-appellant ikkommetta fuqha imorru oltre l-ossessjoni li huwa kellu fuq il-flus izda wkoll kienu jikkonsistu f'abbuz psikologiku li zewgha kkommetta fuqha, kif xehdet fl-affidavit taghha. Hija tghid illi dan l-abbuz psikologiku kien jikkonsisti f'theddid, *bullying*, tghajjir u ghajjat li hija kienet soggetta ghalih tul il-konvivenza matrimonjali. L-appellata ssostni li hija kellha titlaq mid-dar minhabba li l-appellant ghamilha impossibbli ghaliha li tibqa' tabita fid-dar matrimonjali. L-appellata semmiet li Dr. Galea Debono, it-tabib kuranti taghha, irrakkomanda li hija titlaq mid-dar ghall-gid ta' sahhitha. L-appellata rriferiet ghad-diversi rapporti lill-pulizija li hija kellha taghmel minhabba t-theddid ta' zewgha. Issostni wkoll illi d-*domestic violence unit* ukoll ghamlet rapport fuq dan il-kaz. L-appellata tissottometti li l-argument li ma kienx hemm swat ma jfissirx li ma kienx hemm sevizji skond il-ligi. Hija tissottometti illi hija kienet soggettata ghal vjolenza psikologika li assumiet dimensjoni aktar gravi minhabba d-debilita` taghha. Tghid li mill-atti processwali jirrizulta ampjament li hija kienet tissubixxi umiljazzjonijiet u trattament hazin fuq bazi kostanti u abitwali.

**25.** Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi voluminuzi akkwiziti fil-process, u wara li qieset sewwa s-sottomissjonijiet li sarulha mill-partijiet, waslet ghall-konkluzjoni li hija taqbel sostanzjalment mal-ewwel Qorti li t-tifrik taz-zwieg sehh ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**26.** It-tfaddil tal-flus u l-ghaqal fl-uzu taghhom evidentement huma kwalitajiet essenzjali biex tmexxi tajjeb il-familja u biex tassigura li z-zwieg ma jisfaxxax minhabba disgwid finanzjarju. L-ghaqal huwa tajjeb. Izda jekk it-tfaddil tal-flus isir kwazi ossessjoni, bhal meta l-mara tithalla mir-ragel nieqsa minn flus sufficjenti biex tkun tista’ tkopri tajjeb il-bzonnijiet ta’ kuljum tal-familja taghha, u bhal meta l-mara tkun kostretta li taghti rendikont shih tal-anqas centezmu li tkun nefqet – allura hawn ikun hawn sitwazzjoni ta’ xehha u ta’ kontroll u pussess abbuziv, kwazi patologiku, fuq persuna ohra li hija, bi dritt, indaqs fiz-zwieg.

**27.** Din il-Qorti hija sodisfatta li l-appellant konsistentement ezercita dan it-tip ta’ kontroll ingust fuq martu l-appellata, li konsegwentement batiet hafna minn dan l-agir ta’ mohqrija fil-konfront taghha.

**28.** Dan johrog car mill-provi mressqa mill-appellata matul il-kawza. Jirrizulta illi l-appellant tul il-hajja matrimonjali ried ikollu kontroll assolut fuq l-infieq tal-familja. Dan johrog car mid-diversi xhieda mressqa mill-appellata (ara fol. 51 sa 62). Jidher ukoll illi l-appellant ma kienx jafdaha bl-immanigjar tal-flus, u sahansitra kien igieghelha taghtih rendikont shih anke sal-inqas sold illi hija tkun nefqet. Irrizulta li l-appellant kien izommha nieqsa mill-flus, tant li hija gieli kien ikollha tirrikorri ghand il-familja taghha sabiex jaghtuha ghajnuna finanzjarja. Dan l-agir tal-appellant jikkostitwixxi xehha eccessiva, li jammonta ghal mohqrija u sevizzi fil-konfront ta’ martu l-appellata. Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Aguis v. Pacifico Agius** deciza minn din il-Qorti fl-10 ta’ Dicembru 1951 (Vol. XXXV-1-218) jinghad hekk:-

“Huma sevizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcebazzjoni f’dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti.

“Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista’ tikkostitwixxi sevizja li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali.”

**29.** Ghandu jigi rilevat ukoll li l-kilba ghall-kontroll mill-appellant fuq martu kibret maz-zmien tant li ghall-perijodu tal-ahhar tal-koabitazzjoni taghhom, din il-kilba kienet iddegenerat tassew sahansitra li estendiet ruhha anke ghall-ispazju fiziku okkupat mill-appellata. Infatti, hija tiddeskrivi kif meta kienet tkun fid-dar konjugali, zewgha l-appellant kien sikwit isegwiha kull fejn tmur u waqt li kwazi jmiss maghha, jiddisprezzaha b’insulti kontinwi (ara affidavit tal-appellata pprezentat fis-6 ta’ Marzu 2000).

**30.** F’depozizzjoni li nghatat fil-Qorti fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2001 l-appellata, inter alia, stqarret li hija kienet kostretta tohrog tahdem minhabba li zewgha kien qallha:

“Jiena nahlilflek li mhux sejjer nahdem biex inpaxxik.”

Fil-fatt wara li tilef l-impieg tieghu, l-appellant ma jidhirx li qatt hadem aktar. L-appellant ipprova jikkonvinci lill-Qorti li dan sehh kontra l-volonta` tieghu ghaliex, kif jghid, ressaq hafna applikazzjonijiet biex jakkwista mpjieg, izda ma rnexxielu qatt jaghmel dan. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma taghtix kredebbilita` lill-appellant fuq dan l-aspett. Irrizulta li l-appellant, apparti li kien jinqala’ hafna anke ghal xoghol manwali, kien engineer jew technician u anke gieli okkupa impiegi manigerjali. Huwa verament inverosimili li bniedem tal-kapacitajiet teknici tal-appellant ma jirnexxilux isib impjieg adegwat. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan sehh bil-volonta` tieghu u cioe` biex ma jkunx imgieghel imantni lil martu u lil bintu. Din certament hija forma ohra ta’ mohqirja verament kundanabbli, mhux biss fil-konfront tal-apellata, izda wkoll fil-konfront ta’ binthom.

**31.** Huwa veru li dan l-abbuz ahhari tal-appellant sehh meta z-zwieg kien diga` tfarrak. Pero` dan l-abbuz da parti tar-ragel, bhall-adulterju tal-appellata, li wkoll sehh meta z-zwieg kien diga` tfarrak, ghen hafna biex iz-zwieg kompla jitfarrak b'mod <u>assolutament irreparabbli</u>.

**32.** Xi hbieb tal-appellant ddeskrivewh bhala bniedem gentlom. Jista' jkun li huwa mexa ta' gentlom <u>maghhom</u>. Pero` l-veru gentlom qatt ma jasal biex jahqar persuna ohra, hi min hi, kif irrizulta sodisfacentement li ghamel l-appellant fil-konfront ta' martu.

**33.** Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, iz-zwieg tfarrak irremidjabilment ghaliex iz-zewg partijiet ikkontribwew b'mod indaqs biex gabu dan l-istat ta' fatt. F'dawn ic-cirkostanzi huwa gust li din il-Qorti tapplika l-Artikolu 52 tal-Kodici Civili, u tiddeciedi inoltre li d-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikoli 48(1)(d) biss tkun applikabbli ghaz-zewg kontendenti. B'hekk, hadd minnhom ma ghandu jew ghandha d-dritt li jgieghel lill-parti l-ohra li tforniha b'manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

**34.** Gialadarba din il-Qorti waslet ghall-kkonkluzjoni ndikata fil-paragrafu precedenti, evidentement hija ma taqbilx mal-appellant li l-appellata ghandha titlef sehemha ta' nofs il-komunjoni tal-akkwisti.

**35.** Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-aggravji l-ohra li wiehed jista' jsejhilhom kollha "sekondarji" u li jissemmew mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu.

**36.** L-appellant allega li l-proprjeta` immobiljari tal-kontendenti hija facilment divizibbli u talab li jigi nominat Perit Tekniku biex jistabilixxi jekk din il-proprjeta` hijiex divizibbli jew le. Din l-allegazzjoni hija kontestata mill-appellata, u fi kwalunkwe kaz din il-kwistjoni messha giet, se mai, sollevata quddiem l-ewwel Qorti, li kellha l-kompitu li tigbor u tivvaluta l-provi. F'dawn ic-cirkostanzi l-ilment relattiv tal-appellant ma hux gustifikat.

**37.** L-appellant jikkritika l-ewwel Qorti in kwantu din adottat *en bloc* il-konkluzjonijiet tal-Perit Legali dwar il-

likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-assenjazzjonijiet li huwa ssugerixxa, bla ma ghamlet ebda riferenza ghall-kritika li hu kien ressaq fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu precizament fil-paragrafi 19 sa 23.

**38.** L-imsemmija paragrafu jinsabu a fol. 1000 u 1001 tal-process. Din il-Qorti ezaminat x'jinghad fihom u tikkonkludi li m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti ghax bazikament l-appellant m'ghandux ragun f'din il-kritika tieghu. Madanakollu, jidher li ghandu ragun biss fuq punt wiehed, u cioe` fuq il-kontenut ta' paragrafu 20. Hemmhekk sar accenn ghall-kontradizzjoni
"… … … bejn dak li ntqal li ghandu jigi assenjat lill-attrici (para 154 tar-relazzjoni) u dak li ntqal li ghandu jigi assenjat lill-esponent (para 6 taht il-Kap "Dwar il-Kontrotalba). Infatti fil-para 154 il-perit legali qed jissuggerixxi li l-attrici tigi assenjata – (d) il-flus fil-Bank of Valletta plc numru 158-0651002-2 u (e) il-flus fil-Bank of Valletta plc numru 158-0651003-5 mentri fil-para 1 taht il-Kap "Dwar il-Kontro talba" qed jissuggerixxi li jigu assenjati lill-esponent (6a) Pagna 60 il-kontijiet bankarji kollha mizmuma f'ismu lokalment, jekk hemm. Fost dawn hemm il-flus fiz-zewg kontijiet bankarji fuq imsemmija numru 158-0651002-2 u numru 158-0651003-5 u kwindi jigi sottomess li hemm din il-kontradizzjoni fir-relazzjoni peritali dwar dawn il-kontijiet bankarji."

**39.** Fil-fatt jirrizulta mill-istess relazzjoni peritali (ara fol. 966) li l-kontijiet numri 158-0651002-2 u 158-0651003-5 huma t-tnejn f'isem l-appellant u li fis-sena 2000 fl-ewwel kont kien hemm Lm170.69c u fit-tieni kont kien hemm Lm29.14c. Ghalhekk a skans ta' ekwivoci z-zewg kontijiet fuq imsemmija ghandhom jigu assenjati lill-appellata u l-kontijiet <u>l-ohra</u> f'isem l-appellant ghandhom jigu assenjati lill-istess appellant.

**40.** Kwantu ghall-kritika li l-appellant ghamel dwar kif l-ewwel Qorti qasmet l-affarijiet mobbli, dak li jghodd m'huwiex is-suggeriment tal-Perit Legali kontenut fil-paragrafu 160 tar-relazzjoni tieghu (ara fol. 979) izda dak li l-ewwel Qorti iddecidiet u cioe` li jekk il-partijiet ma

jiftehmux bejniethom kif ghandhom jaqsmu bejniethom l-istess affarijiet mobbli, dawn ghandhom jinbieghu bis-subbasta fi zmien sena mid-data tas-sentenza.

**41.** Din il-Qorti qieset sewwa il-kritika li l-appellant ghamel dwar id-decizjoni fis-sentenza appellata li s-somma ta' Lm2000 u Lm1600 ghandhom jitnaqqsu mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` immobiljari biex tehodhom l-appellata. Madanakollu, din il-Qorti jidhrilha li din il-kritika ma tistax tigi accettata. Dan ghaliex, apparti ragunijiet ohra, huwa fatt li l-appellant baqa' ghal hafna snin jibbenefika u jgawdi wahdu l-proprjeta` immobiljari tal-komunjoni tal-akkwisti meta l-appellata kienet kostretta li tallontana ruhha minn hemm minhabba s-sevizzi li kienet qeghda kontinwament issofri bl-agir abbuziv tal-konvenut, kif gie accennat aktar qabel f'din is-sentenza.

**42.** Bhala konkluzjoni ghandu jinghad li ghalkemm din il-Qorti laqghet l-aggravju tal-appellant li l-appellata hija hatja ta' adulterju u mhux biss ta' offizi gravi, kif kienet irritjeniet l-ewwel Qorti, madanakollu, din il-konkluzjoni ta' din il-Qorti ma ghandha tbiddel xejn minn dak kollu li ddecidiet l-ewwel Qorti, kemm ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg u kemm ukoll ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenzi relattivi, fosthom id-divizjoni tal-proprjeta` in komuni u l-assenjazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti (salv dak li jinghad fil-paragrafu 39 ta' din is-sentenza).

**43.** Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell ta' Joseph John Gatt limitatament ghal dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, izda tikkonferma in toto id-dispozittiv kollu tas-sentenza appellata, b'dan li t-terminu ghall-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` immobiljari u tal-mobbli (fil-kaz li l-partijiet ma jiftehmux xort' ohra) ghandu jkun ta' sitt xhur mid-data tal-odjerna sentenza.

L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) mill-appellant u r-rimanenti hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mill-appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------